MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Appell Civili Numru. 4/2007

**Maria Grixti**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Marzu, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tal-11 ta' Lulju 2006 li permezz taghha cahad it-talba ta' Grixti ghall-Assistenza Socjali u dik tat-12 ta' Lulju fejn intalbet tirrifondi ammont li kienet irceviet meta ma kienx dovut, kif ukoll l-appell taghha li dahal fis-26 ta' Lulju 2006;

> Illi din id-decizjoni ttiehdet wara investigazzjoni li kienet saret mid-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjoni u r-rapport relativ gie prezentat waqt seduta u dan gie ukoll spjegat lill-appellanti, u l-Inspector ta x-xhieda tieghu, xehdet ukoll l-istess appellanti u talbet li tressaq ukoll lil Keith Pace li joqghod fil-fond fejn saret l-inspection u li stqarr li kien il-missier naturali ta' tifel ta' l-appellanti;
>
> Fix-xhieda tieghu Pace ma kkontradiciex ebda punt ewlieni ta' l-Inspectors ghalkemm ma semmiex li ghall-ewwel qal li kienet ohtu il-mara li kienet torqod ghandu, l-anqas qabel li kien kellimhom hazin u gheddidhom li kien ser jitfaghhom 'il barra jekk ma johorgux. Gie konfermat li l-appellanti kienet fid-dar ta' Pace u kien hemm ukoll it-tfal taghha ghalkemm jidher li dawn jghixu flimkien ma' ommhom l-appellanti;
>
> Dawn ic-cirkostanzi kollha wasslu lill-Arbitru ghal fehma li d-Direttur kien gustifikat meta ha d-decizjonijiet imsemmija aktar fuq u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud.**"**

Minn din is-sentenza appellat ir-rikorrenti Maria Grixti bl-aggravju li jiccensura l-apprezzament maghmul mill-Arbitru tal-fatti cirkostanzjali tal-kaz. Tissottometti wkoll illi f' kull kaz jekk kien jezisti dubju dan ghandu jmur favur taghha u mhux bil-kontra;

Il-fatti tal-kaz prezenti isegwu, mod jew iehor, il-binarju ta' bosta kazijiet ohra ta' l-istess bixra decizi minn din il-Qorti. A propozitu, dawk ta' **Rita Cauchi** (10 ta' Ottubru 2005), **Mary Anne Graham** (10 ta' Mejju 2006), **Romina Cachia** (18 ta' Ottubru 2006), **Shirley Xuereb** (22 ta' Novembru 2006), **Riccarda Cini** (7 ta' Frar 2006) u **Maria Lourdes Zahra** (28 ta' Frar 2007). Fihom, ilkoll, gew delinejati dawn l-aspetti l-aktar sinjifikattivi:-

(1) Il-ligi tinvesti lid-Direttur bil-poter diskrezzjonali li jiddetermina min, fil-fehma tieghu, ghandu jitqies “kap tal-familja” f’ familja ta’ zewg persuni jew izjed. Ara d-definizzjoni ta’ din l-espressjoni taht il-Kapitolu 318;

(2) Dipendenti mill-fattispeci partikulari dak l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu ma jistax jitqies vizzjat minn attitudni errata jekk min, bhall-appellanti, hu tenut li joffri spjegazzjoni konvincenti tal-qaghda konsegwita mill-ispezzjoni li tkun saret, jonqos li jaghmel dan ghas-sodisfazzjoni tad-Direttur;

Hawn ukoll, bhal f’ dawk il-kazijiet l-ohra kollha, il-kontroversja ghandha b’ oggett it-telfien tal-ghajnuna socjali u, l-aktar, jekk l-appellanti rnexxilhiex tissupera l-ostakolu kostitwit bil-gudizzju tad-Direttur appellat konducenti ghal dak it-telfien. Dan ghaliex, kif saput, dak il-gudizzju ma kienx wiehed assolut u fuq appell minnu lill-Arbitru dan ta’ l-ahhar seta’ dejjem jiddiskosta ruhu mill-valutazzjoni tad-Direttur u jissostitwixxi ghad-diskrezzjoni ta’ dan, id-diskrezzjoni proprja tieghu. Dejjem, s’ intendi, billi ghal din is-sostituzzjoni jipprovdi motivazzjoni kongruwa u adegwata;

Fil-kaz prezenti, l-Arbitru, korrettement fl-opinjoni tal-Qorti, ma sabx li dik is-sostituzzjoni kien hemm lokha. Huwa deherlu li ma setax joqghod b’ affidament fuq il-versjoni tal-fatti rakkontati lilu mill-appellanti u minn Keith Pace li mieghu, kif indott u inferit mill-kumpless tal-provi, kienet tikkoabita l-appellanti, fl-istess dar tieghu. Fis-sewwa, ikollu jinghad fuq ir-riezami minn din il-Qorti ta’ l-istess provi illi dik il-versjoni hi ta’ kredibilita skarsa u l-Arbitru ghamel sew li ddizattendiha u warrabha, bl-adozzjoni preferenzjali ta’ l-Investigation Report mill-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet. L-elementi indizzjarji li jaghmel dan l-istess rapport ftit ihalli lok ghal dubbji illi, effettivament, l-appellanti kienet qed tikkoabita flimkien ma’ l-imsemmi Keith Pace u missier it-tliet uliedha li, bhall-appellanti, kienu jinsabu rieqda fl-istess fond ta’ Keith Pace fil-mument ta’ l-ispezzjoni;

Issa anke kieku kellu jigi koncess illi b' applikazzjoni tar-regola tad-difett tal-provi l-eventwali margini ta' dubbju fil-valutazzjoni tal-provi ma jillegittimax *per se* it-telfien ta' l-assistenza socjali, logikament, biex dan ikun hekk il-kaz, irid jinstab li jezisti tali dubbju f' mohh min hu msejjah biex jiggudika. Imma, jekk dan id-dubbju ma jkunx jezisti, lanqas wara approfondiment tal-valutazzjoni u tal-verifika, u, anzi, il-Qorti ssib li d-Direttur u l-Arbitru jkunu waslu ghal grad ta' certezza relattiva accettabbli, ma jistax jinghad li jezisti difett logiku fid-determinazzjoni tal-kaz, b' riperkussjoni fuq id-decizjoni mehuda;

Il-kumpless tac-cirkustanzi tal-kaz prezenti huma tali li jeskludu dak l-istess dubbju u jkollu jinghad, bi qbil mad-deduzzjoni formulata fis-sentenza appellata, illi ma tezisti ebda raguni l-ghala din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta bl-akkoljiment ta' l-assunt difensiv ta' l-appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tirrigetta l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Kif konswet f' kazijiet ta' din ix-xorta, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------